MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 317/2011

**Appell Nru: 302/2011 & 317/2011**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Louise Calleja]**
**[Spettur Alexander Grech]**
**Vs**
**Anthony Tabone**

Illum, 4 ta’ Lulju, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Anthony Tabone detentur tal-karta ta’ l-identita 1026148M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

Fis-27 ta’ Frar, 2007, bejn l-erbgha ta’ filghaxija (16:00hrs) u s-sitta ta’ filghaxija (18:00hrs), gewwa 1, Triq il-Fortini ta’ Felic, Bormla:

1) Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ Isabelle Compagno, liema persuna ma setghatx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tieghu;

2) Bi vjolenza ikkometta attentat vjolent għall-pudur fuq l-imsemmija persuna ta’ Isabelle Compagno;
3) Bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Isabelle Compagno kontra l-volonta` taghha, jew ta l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Gunju, 2011 fejn il-Qorti ma sabitx htija taht l-ewwel akkuza izda sabet lill imputat hati taht it-tieni u t-tielet akkuza ai fini ta’ piena rat l-artikoli 207, 86, 87(g), 17 u 31 u ikkundannat lil imputat ghal-perjodu ta’ prigunerija ta’ hmistax il-xahar prigunerija fuq it-tielet akkuza ossia li bi vjolenza ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq l-imsemmija Isabelle Compagno, filwaqt li fil-konfront tat-tielet akkuza tal-arrest, detenzjoni u sekwestru hu applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 u dwar l-ewwel akkuza dik koncernanti l-istpuru vjolent mhux qeghdha ssibu hati u konsetgwentement tillbierah.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Tabone pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Lulju, 2011 li permezz tieghu talab  lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermha dwar il-mertu, u tbiddilha dwar il-piena billi minflok il-piena nflitta taghti ohra li aktar taghmel ghal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali fil-konfront ta’ Anthony Tabone, pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-14 ta’ Lulju, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija tat-tieni u tat-tielet akkuzi migjuba kontra l-appellat, filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u wara li tqis bir-reqqa l-provi f’dan il-kaz issib lill-appellat hati wkoll tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju tal-appellant Anthony Tabone li in succint huwa is-segwenti :

Dan l-appell huwa principalment dwar il-piena. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha u anke tal-personalita` tal-allegata vittma, l-piena karcerarja ta’ hmistax il-xahar hija gravuza hafna. Il-ligi taghti skrezzjoni ta’ piena imma waqt illi l-piena tirrijentra fil-paramentri tal-ligi, pero` xorta wahda tibqa` gravuza fic-cirkostanzi tal-kaz. Illum Anthony Tabone ghandu tlieta u sittin sena u l-kundizzjoni ta’ sahtu hija gravi hafna.
Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali in succint huwa s-segwenti :
Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza liberatorja taghha, ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif migjuba li filfatt waslet ghall-helsien tal-imputat mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih.

Ikkunsidrat,

Illi f’din il-kawza saru zewg appelli. Dak bin-numru 302/11 tal-imputat u dak bin-numru 317/11 tal-Avukat Generali.

L-imputat appella mill-piena waqt li l-Avukat Generali appella fuq il-meritu peress li l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat mill-ewwel akkuza. Peress illi dina hija kawza wahda, l-Qorti se tittratta z-zewg appelli f’gudikat wiehed u l-ewwel sejra tiddisponi minn dak ta’ l-imputat. Il-fatti pero` japplikaw ghaz-zewg appelli.

Irrizulta illi fit-28 ta’ Frar, 2007 Isabelle Compagno, tfajla ta’ tmintax-il sena li tbati minn « mild mental retardation » irrapurtat li fil-gurnata ta’ qabel 27 ta’ Frar l-imputat Anthony Tabone, li huwa l-« partner » ta’ ommha, filwaqt illi kienu wahedhom id-dar qabad lil Isabelle minn idejha, tellaghha fuq fil-kamra tas-sodda u wara li nezzalha hwejjigha kellu x’jaqsam maghha sesswalment kontra l-volonta` taghha. Wara investigazzjoni tal-Pulizija Anthony Tabone ta’ 58 sena gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal tlett akkuzi, wahda li bi vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ Isabelle Compagno, t-tieni li bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghal pudur u t-tlieta li bla ordna skond il-ligi arrestra, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Isabelle Compagno kontra l-volonta` taghha.

B’sentenza moghtija fit-30 ta’ Gunju 2011 l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel akkuza izda sabitu hati tat-tieni u t-tielet u kkundannatu ghal hmistax-il xahar prigunerija.

L-imputat appella minn din is-sentenza peress illi deherlu li t-terminu ta’ prigunerija effettiva kien wiehed gravuz fil-konfront tieghu. L-imputat allega li ghandu kondizzjoni ta’ sahha gravi hafna, w piena karcerarja fil-kaz tieghu hija hazin ghal sahtu l-ghaliex ibati minn mard li ghandu x’jaqsam ma’ l-gheluq u necessarjament l-gheluq huwa l-aktar haga li se jsib ma’ wiccu kieku l-piena tkun wahda effettiva.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti jidhrilha illi din l-iskuza mhijiex wahda valida u zgur li m’ghandhix isservi bhala raguni biex bniedem misjub hati ma’ jaghmilx terminu ta’ prigunerija effettiv jekk il-Qorti hekk tordna. Li kieku din il-Qorti kellha tiehu din ir-raguni bhala skuza, anki li kieku tkun konfortata minn certifikati medici u psikjatrici, li f’dan il-kaz mhuwiex, kulhadd ikun jista` jgib din l-iskuza biex jevita milli jmur il-habs, sitwazzjoni li hija nociva hafna ghas-sigurta` tas-socjeta` li ghandha dritt tippretendi illi persuna li tkun misjuba hatja ta’ reat u kkundannataha ghal habs effettiv issalda dan l-obbligu fil-habs civili f’terminu impost mill-Qorti legalment.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud. Il-Qorti pero` tirrizerva li tikkumenta fuq il-piena wara li tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali peress illi dana jolqot direttament il-meritu ta’ dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox l-istqarrija tal-imputat. Ma tat l-ebda raguni ghaliex ghamlet dan u din il-qorti mhijiex sejra tippresumi x’setghu kienu dawn ir-ragunijiet. Tghid biss illi legalment din l-istqarrija kienet wahda legali u accettabbli minkejja illi saret fiz-zmien meta ma kienx gie moghti d-

dritt ta’ assistenza legali fil-bidu nett tal-arrest tal-imputat. Veru illi kien hemm xi sentenzi fejn iddikjaraw illi dan in-nuqqas kien iwassal ghall-lezjoni ta’ smiegh xieraq pero` llum s-sitwazzjoni hija differenti u mhux kull nuqqas ta’ assistenza legali bil-fors iwassal ghan-nullita` tal-istqarrija minhabba lezjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq. Apparti l-garanziji statutorji, l-Qorti trid tara kemm l-arrestat kienet persuna vulnerabbli u kemm kienet se tkun impressjonata bil-fatt illi kienet qed tigi nterrogata mill-Pulizija. Barra minn hekk, l-Qorti m’ghandhix toqghod biss fuq l-istqarrija meta tigi biex tikkunsidra l-htija izda ghandha wkoll tikkunsidra l-provi l-ohra li jkunu mressqa mill-prosekuzzjoni biex jigi evitat il-periklu illi persuna tinsab hatja meta ma kellux jinstab hati.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali Sede Appell Charles Steven Muscat vs Avukat Generali 8 t’Ottubru 2012 *« li ghandha taghmel din il-Qorti hu illi tara jekk dan in-nuqqas (ta’ assistenza legali) wassalx ghal ksur tal-jedd ta’ xmiegh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma’ kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur. »*
Fl-istess sentenza l-Qorti kompliet tghid *« illi l-Imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-periklu li joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqiesu wkoll il-provi l-ohra, w li l-Imhallef sahansitra jista` jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda – li ma tressqitx quddiem din il-Qorti – l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, gherq jew b’theddid ...... »*

Din is-sentenza giet segwita mill-Prim’Awla f’kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet John Attard vs Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali deciza fil-31 t’Ottubru 2012, illi fost affarijiet ohra qalet *« ebda Qorti f’ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta’ assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f’lezjoni ta’ dritt ghal smiegh xieraq. »*

Din il-Qorti wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha jidhrilha li l-istqarrija ittiehdet b’mod legali, inghatat it-twissija, l-imputat fehem din it-twissija u ma rrizultax illi l-istqarrija ittiehdet bi vjolenza, gherq jew b’theddit.

L-istqarrija ttiehdet fl-1 ta' Marzu 2007 meta l-arrestat Anthony Tabone kellu 58 sena, ragel matur li fehem sew id-drittijiet tieghu u l-konsegwenzi ta' dak illi kien qieghed jghid il-Pulizija. L-istqarrija a fol. 12 ittiehdet fid-9 ta' filghodu hin normali u damet biss hamsa w tletin minuta biex saret. L-imputat Anthony Tabone ma qaghadx ilaqlaq u rrisponda mall-ewwel u direttament ghal kull domanda illi saret mill-Pulizija u offra wkoll spjegazzjoni ta' dak li gara bejnu u bejn Isabelle Compagno. Ghalhekk din l-istqarrija ghandha titqies bhala wahda legali ghal kull fini u effetti tal-ligi u kellha tigi kkunsidrata mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat :

Fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti car u tond illi huwa qabad lil Isabelle Compagno minn idejha meta dina kienet qeghda bil-qeghda fuq is-sufan fi kliemu stess : ***» tellghajtha l-fuq bil-forza, jigifieri gbitha minn idejha u hi nahseb li bezghat minni u ghalhekk m'ghamlitx rezistenza ....... nezzajtilha hwejjigha u ghamilt maghha sesswalment. »***

Il-vittma Isabelle Compagno (fol. 26) filwaqt li tikkonferma n-nuqqas ta' volonta` taghha tghid ***« .......umbaghad gibidni minn idejja, tellghani fuq, nezzaghani u .......... kellu x'jaqsam mieghi. »***

Din ix-xiehda wahedha indubbjament twassal ghas-sodisfazzjoni ghall-elementi ta' vjolenza fl-istupru, pero` l-Ewwel Qorti dehrilha illi biex dana jkun sodisfatt kellu jkun hemm penetrazzjoni, li huwa « ingredjenti indispensabbli sabiex jissussiti r-reat ta' stupru vjolent » [sentenza page 161].

Bir-riseptt din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzzjoni u taghmilha cara illi biex jigi sodisfatt l-element ta' l-istupru huwa bizzejjed biex ikun hemm il-bidu ta' din il-penetrazzjoni u m'hemmx ghalfejn ikun hemm penetrazzjoni kompleta kif donnha qed tippretendi l-Ewwel Qorti.

Minkejja illi Dr. Carmen Portelli, li invistat lill-vittma wara l-incident, sabet li dina kellha l-hayman intatta,  ma jfissirx illi l-element ta' stupru vjolent ma giex sodisfatt biss bil-bidu tal-penetrazzjoni u l-Avukat Generali ghandu ragun jargumenta illi « ma' dan kollu jinghad b'kull rispett li l-argumentazzjoni tal-Ewwel Qorti jmorru kontra l-principju kardinali li l-istrupru jibda mill-mument tal-penetrazzjoni anki jekk dina tkun minima ghall-ahhar u kwindi, anki minhabba l-fizjonomija femminili mhux necessarjament twassal ghal tqattih tal-hayman. »

Iz-zewg protagonisti involuti f'dan il-kaz l-imputat u l-parti leza jixhdu dwar l-almenu l-bidu tal-penetrazzjoni, l-imputat meta jghid li ghamel maghha sesswalment u l-parti leza meta tghid illi kellu x'jaqsam maghha.  Dan, abbinat man-nuqqas ta' volonta` tal-vittma jwassal biex jissodisfa din il-Qorti illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni l-kommissjoni tal-ewwel akkuza, dak ta' stupru vjolent fuq il-persuna ta' Isabelle Compagno.

Ikkunsidrat :

L-imputat pero` argumenta li l-Ewwel Qorti sabitu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, bit-tieni wahda tikkoncerna l-attentat vjolenti ghall-pudur u argumenta li l-ewwel zewg akkuzi ma jistghux ikunu flimkien fl-istess cirkostanza, hin u data.  Jew stupru jew attentat.

L-Ewwel Qorti kienet korretta meta ghazlet wahda minnhom.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ghandu l-validita` tieghu, b'dana pero` illi l-ewwel zewg akkuzi huma alternattivi ghal xulxin u tinghata biss piena wahda skond ghal liema akkuza l-imputat ikun qed jinstab hati.

L-Avukat Generali m'ghamilx appell ghar-riforma tad-dikjarazzjoni ta' htija tat-tieni akkuza u ghalhekk dina

ghandha tibqa` kif inhi, b'dana pero` meta l-Qorti tigi biex tinfliggi l-piena ghandha tikkunsidra biss il-piena ghall-ewwel u t-tielet akkuzi.

Ghal dawn il-motivi taqta` w tiddeciedi illi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet htija tat-tieni u t-tielet akkuzi, thassar u tirrevokaha fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel akkuza w minflok wara li rat l-artikolu 198 tal-Kap. 9 issibu hati ta' din l-akkuza, b'dana pero` bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni u tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' prigunerija ta' erba` snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------